TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Fit-Tribunal Ghal Talbiet tal-Konsumatur

CCT/121/15

Joseph Testa

vs

Simon Delia - Simon Models

ILLUM 30 ta' Novembru, 2015

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrent prezentat fit-18 ta' Gunju 2015.

Ra r-risposta tal-intimat tal-16 ta' Lulju 2015.

Ra s-sentenza preliminari tieghu tat-28 ta' Settembru 2015 fejn iddetermina l-kwistjoni tal-eccezzjoni pprezentata fuori termine.

Sema x-xhieda bil-gurament.

Ra l-atti processwali tal-kawza.

**Ikkunsidra**

Irrizulta mill-provi illi f'Dicembru 2014, ir-rikorrent xtara *drone*, batterija u *case* ghall-ammont totali ta' €1,424 (ara *invoice* bid-data 2 ta' Dicembru 2014). Dak in-nhar ir-rikorrent ma nghatax ircevuta u lanqas garanzija bil-miktub, pero' l-intimat qallu illi qed itih *'gentleman's agreement'* illi jekk jinqalaghlu xi haga, issewwijielu. Ir-rikorrent uza d-*drone* b'mod sodisfacenti xi seba darbiet u kollox hadem kif suppost. Pero' mat-tmien darba u wara xi xahar minn meta kien xtrah kien qed ittajjar id-*drone* l-Isla meta f'hin minnhom indikalu *'coming home'* pero' id-*drone* ma giex u ntilef. Peress illi d-*drone* ma kienx fil-pussess tar-rikorrent, l-intimat ma seta' jaghmel xejn biex jara x'gara. Fortunatament dan id-*drone* instab u fuq suggeriment tal-intimat li jaghmillu *update*, ir-rikorrent qabbad id-*drone* mal-computer u dan indikalu li kollox kien sew u ma kellux bzonn *update*.

Illi xi gimghatejn wara, fis-17 ta' Jannar 2015, ir-rikorrent u xi hbieb tieghu kienu qeghdin Ghawdex. fejn tajjru d-*drone* hdejn Ta' Pinu u kollox kien sew. Wara dan, nizzlu Marsalforn fl-inhawi tal-Qbajjar. Inbiddlet il-batterija u d-*drone* ittajjar. L-ewwel titjira kienet minghajr problemi, pero it-tieni wahda, wara seba' minuti, rega' ircieva l-avviz *'coming home'*. Dana meta is-*service-life* tal-batterija suppost huwa ta' ghoxrin (20) minuta. Id-*drone* pero' ma wasalx hdejn ir-rikorrent u minflok spicca go ghadira ilma.

Ir-rikorrent ha l-batterija u d-*drone* ghand l-intimat li mal-ewwel deher li ried jezimi minn kull responsabbilta u ssuggerixxa li r-rikorrent jibghatu barra. Ir-rikorrent pero, irrifjuta, peress illi kienet responsabbilta' tal-intimat illi jara illi l-oggett mibjugh minnu jissewwa kif ghandu jkun.

Illi jidher pero' illi fl-ahhar dan id-*drone* intbaghat barra minn Malta mill-intimat ghand id-ditta DGI - il-manifatturi ta' dawn id-*drones.* Xi hmistax -il gurnata wara, r-rikorrent cempel lill-DGI u dawn tawh x'jifhem illi d-*drone* ma jissewwiex. Ir-rikorrent cempel lill-intimat u dan qallu li ma seta' jaghmel xejn.

Id-*drone* u l-batteriji qatt ma gew ritornati lir-rikorrent.

**Ikkunsidra**

Illi min-naha l-ohra l-intimat jargumenta li d-*drone* intilef minhabba zball fis-sewqan jew nuqqas ta' attenzjoni lejn is-sinjal li l-batterija wasslet fl-ahhar. L-intimat jikkonferma illi ta garanzija verbali pero mhux bil-miktub. Jghid ukoll li r-rikorrent kien gie ghandu u gablu d-*drone*. Argumenta wkoll illi l-fatt illi d-*drone* kien qed jittajjar hdejn il-bahar, hemm cans kbir li seta' jinzel f'wahda mis-*salt pans* illi kien hemm fil-vicin. Minkejja dan, l-intimat baghat il-prodott ghand id-distributuri tieghu li qalulu illi d-*drone* ma setax jissewwa. L-email li rcieva minghand id-distributuri tieghu baghatha lis-sur Testa pero ma kellux aktar kuntatt mieghu u r-rikorrent lanqas gie biex jigbor id-*drone*. Skond l-intimat il-kwistjoni setghet facilment tigi evitata li kieku s-sur Testa uza l-prodott b'aktar edukazzjoni u li kieku ghazel post adattat sabiex itajjar dan id-*drone.*

**Ikkunsidra**

Jibda biex jinghad illi l-obbligu tal-bejjiegh, wara li jkun sar ftehim ta' bejgh, huwa illi jipprovdi l-oggett mibjugh u jaghti il-garanzija statutorja a beneffiçju tax-xerrej. Bil-miktub jew le, il-garanzija tohrog mill-ligi u l-intimat ma jistax jahrab minnha. Ghalhekk minkejja illi ma kellux garanzija bil-miktub, ir-rikorrent xorta kien qed igawdi minn dan id-dritt.

Ir-rikorrent beda juza l-oggett kif suppost u ma hemm l-ebda indikazzjoni jew provi li ma kienx qed juzah skond l-istruzzjonijiet tieghu. Id-*drone* intilef mill-kontroll darbtejn u darbtejn ghall-istess raguni. Terga' u tghid, id-*drone* huwa apparat elettroniku sofistikat illi jista' jigi lura ghand l-operatur f'kaz illi l-batterija tibda titbaxxa. Jidher pero illi din il-funzjoni ma kenitx qed tahdem sew peress illi d-*drone* ma kienx qed jinzel f'cirku ta' ftit metri hdejn l-operatur, izda ferm il-boghod. Huwa veru illi darba apparat elettroniku jmiss mal-ilma issir hsara irreperabbli. Pero, f'dan il-kaz, jidher illi l-hsara <u>kienet hemm qabel</u> ma l-oggett waqa' fl-ilma peress illi kienet qed timmanifesta nuqqas ta' aderzjoni ta' funzjoni taghha stess illi tinzel vicin l-operatur.

L-intimat qed jargumenta b'mod ipotetiku. Per ezempju, wahda minnhom huwa illi l-intimat ma jistax ighid x'gara peress illi hu ma kienx hemm u t-tieni illi ma jistax ighid x'batterija uza r-rikorrent u jekk dawn kienux idoneji jew le.

Bir-rispett kollu, t-Tribunal jirrileva illi fuq l-ewwel argument, ovvjmanet il-bejjiegh qatt ma jkun max-xerrej meta dan ikun qed jopera l-oggett mixtri. Hu propju ghalhekk li hemm il-garanzija statutorja. Rigward it-tieni argument, id-drone juza batteriji ta' daqs u ghamla specjalizzati u li jinxtraw minghand l-istess intimat. Jekk dawn kienu difettuzi, it-tort allura jaqa' nettament fuq l-intimat peress illi kien hu li pprovda batteriji lir-rikorrent.

L-intimat qed jargumenta wkoll illi darba d-drone wera sinjal illi mhux qed jopera kif suppost (meta gie mitluf l-Isla), ir-rikorrent ma missux issogra u ha d-drone vicin il-bahar.

It-Tribunal lanqas ma jaqbel ma dan it-tielet argument. L-intimat kien konxju tal-fatt illi d-drone kien intilef u ghalhekk ma kienx qed jahdem sew. Minflok ma assuma r-responsabbilta' taht il-garanzija, f'dak l-istadju bikri u jassikura illi dak l-incident ma jergax isir, l-intimat issugerixxa biss li ir-rikorrent jaghmillu *update* minghajr lanqas biss ra jew ezamina id-*drone*. Ghalhekk ir-rikorrent, bir-ragun, haseb li kollox kien sew u mar juza d-*drone* kif suppost kellu jaghmel u skond l-istruzzjonijiet. Hawnhekk l-intimat qieghed jikkontradixxi lilu nnifsu fejn l-ewwel ighid illi d-*drone* ma kellu xejn u kellu bzonn biss update umbaghad jiccensura lir-rikorrent talli uza d-*drone* hdejn il-bahar.

**Ikkunsidra**

It-Tribunal ma jistax jifhem kif oggett sofistikat bhal dan ma jistax jintuza hdejn il-bahar, bil-kawteli necessarji u skond il-user manual. Malta hija mdawwra bil-kosta, u tmur fejn tmur, il-bahar huwa dejjem vicin. Jekk dawn id-drones huma daqshekk sensittivi allura l-intimat ma missux ippoggihom fis-suq. Imma la darba ghamel dan, irid jerfa' l-piz tal-garanzija illi l-ligi tpoggi fuq spallejh.

Kif gja nghad, ma ngabet ebda prova imqar fi grad ta' probabbilta' illi r-rikorrent kien qed jopera id-drone b'mod irregolari. Anzi, irrizulta l-oppost, fejn ir-rikorrent kien ferm prudenti bl-uzu u l-operazzjoni tad-*drone*. Dan hu konfermat mix-xhieda prodotti.

Illum it-Tribunal jifhem illi *d-drone* huwa irreperabbli imma dan mhuwiex dovut ghal xi nuqqas da parte tar-rikorrent, izda ghal difett fid-drone illi kien jesizti qabel ma' waqa' fl-ghadira ilma. L-intimat kien ben konxju tal-fatt illi d-*drone* ma kienx qed jahdem sew u jekk ried juri xi mizuri reparattivi u jibghat id-drone ghat-tiswija dan seta' ghamlu wara li ntilef l-ewwel darba. Izda l-attitudini tieghu kienet ferm negattiva mil-bidu nett fejn lanqas biss indenja ruhu jara jew jispezzjona d-*drone* u ta istruzzjonijiet biss fuq it-telephone.

It-Tribunal jidhirlu li x-xhieda tar-rikorrent hija wahda veritjera u l-attitudini tal-intimat hija censurabbli peress illi naqas mill-obbligu statutorju tieghu illi jagixxi kif supoost konsegwenza tal-garanzija illi l-ligi timponi fuqu.

Ghalhekk it-Tribunal jilqa' t-talba tar-rikorrent, jiddikjara illi d-*drone* mibjugh mill-intimat ma kienx qed jiffunzjona tajjeb u konsegwentement tikundanna lill-intimat li jirrifondi lir-rikorrent is-somma mitluba ta' €1,250 - prezz tal-istess *drone*. Peress illi d-drone baqa' fil-pussess tal-intimat, mhux il-kaz illi jordna illi dan jinghata lill-intimat.

Bl-ispejjes kontra l-intimat.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru